MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 568/2012

**Awtorità Għat-Trasport F'Malta**

**vs.**

**Stephen Mifsud**
**K.I. 6475(M)**

It-Tribunal

## Preliminari

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2012, li
permezz tiegħu l-awtorità attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' disa' mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€952.34) rappreżentanti d-danni u ħsara kkawżati mill-konvenut fil-25 ta' Ġunju 2011

waqt li kien qed isuq il-karozza tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni GBC-353 u li ħabat ġor-“roundabout” u ġo “traffic sign” li jinsabu ġewwa Triq Dun Karm Birkirkara .

Illi għal dawn id-danni u ħsara huwa responsabbli l-konvenut kawża ta’ imprudenza, negliġenza u non-osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku u tal-vetturi bil-mutur.

Bl-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż ta’ l-ittra uffiċjali datata 10 ta’ Lulju 2012, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-inċident in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta tal-konvenut** ippreżentata fl-14 ta’ Ġunju 2013, fejn huwa eċċepa:

1. Illi preliminarjament il-konvenut jeċeppixxi n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal rationale materiae, sabiex jisma’ u jiddeċiedi l-każ odjern, u dana stante illi jitratta inċident illi jinvolvi vettura, u li allura għandu jiġi deċiż permezz ta’ arbitraġġ ai termini tar-Raba’ Skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi subordinament għall-ewwel eċċezzjoni, l-intimat għandu għalhekk jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-awtorità rikorrenti;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tal-awtorità rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorità u dana peress li l-inċident inkwistjoni ma seħħx b’tort tal-intimat iżda unikament tort tal-Awtorità għat-Trasport f’Malta illi naqqset milli żżomm it-triq in kwistjoni (Triq Dun Karm) fi stat ta’ manutenzjoni xierqa, tant illi kienet tiżloq u għaldaqstant ta’ periklu għall-utenti tat-triq – hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni reklamati mill-awtorità rikorrenti huma ikkontestati minħabba l-fatt li huma esaġerati ferm u huma wkoll riżultat ta’ ħsarat pre-eżistenti għall-inċident u kwindi r-rikorrent għandha tressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex tipprova dak kollu allegat minnha.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif premess mil-liġi.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet rigward l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Ra l-verbal tad-19 ta’ Settembru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza preliminari fuq l-eċċezzjonijiet tal-konvenut rigwardanti l-kompetenza rationae materiae ta’ dan it-Tribunal.

**Fatti**

Il-kawża odjerna titratta danni subiti mill-Awtorita` rikorrenti fil-propjeta` tagħha jew li tagħha hija responsabbli, konsistenti f’roundabout u traffic sign fi Triq Dun Karm, f’Birkirkara. Id-danni ġew ikkawżati mill-konvenut waqt li huwa kien qed isuq vettura fl-imsemmija triq u ħabat fir-roundabout u fit-traffic sign.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-konvenut jeċċepixxi illi dan it-Tribunal m’għandux il-kompetenza sabiex jisma u jitratta din il-kawża u dana stante li tjitratta inċident illi jinvolvi vettura, u li allura għandu jiġi deċiż permezz ta’ arbitraġġ ai termini tar-Raba’ Skeda tal-Kapitlu 387 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi l-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe l-Att Dwar L-Arbitraġġ fl-Artikolu 15 jistipula:

*(11) B'żieda ma' dawk imsemmija b'kull liġi oħra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soġġetti għal arbitraġġ mandatorju u f'dawk il-każijiet il-partijiet għandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet.*

Ir-Raba Skeda tal-istess Kapitolu tistipula:

*1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur*
*Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:*
*(a) …*
*(b) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(ċ) …. u*
*(d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

Biex tiġi determinata l-kompetenza ta' dan it-Tribunal minħabba l-materja, it-Tribunal qed jieħu konsiderazzjoni għall-kontenut tat-talba introduttiva u cioe tal-Avviż tat-Talba minn fejn jirriżulta illi l-każ odjern jitratta tilwima li toriġina minn ħsara involontarja fil-propjeta` li tinvolvi l-vetturi. Il-ħsara ma teċċedix il-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

Illi hija fehma ta' dan it-Tribunal illi dawn il-kawżali jinkwadraw eżattament skont l-artikoli ċitati mill-Att dwar l-Arbitraġġ u għaldaqstant jattiraw favur tagħhom l-arbitraġġ mandatarju.

Illi dana huwa konformi mal-ġurisprudenza tagħna f'diversi kawżi fosthom:

<u>Thomas Smith Insurance Agency Limited noe vs. Mario Borg et</u> (775/07 ISB) deċiża fid-9 ta' Lulju, 2008, mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar;

Joseph Ciscaldi eżerċenti l-kummerċ f'isem Butterfly Garage vs. Nicholas Camilleri (40/2011 RCP) deċiża fid-19 ta' April, 2012 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;

GasanMamo Insurance Limited et vs. Kunsill Lokali Qormi, (332/12GB) deċiża fit-12 ta' Diċembru 2012, mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar;

Inoltre, biex żgur jiġi eliminat kwalsiasi dubju dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli ċitati fil-każ odjern, jirriżulta li l-ħsara mertu tal-kawża hija kkawżata **minn** vettura.

Konsegwentement, il-fehma tat-Tribunal hija konformi wkoll mal-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Gevimida Limited (13/2009PS) deċiża fit-23 ta' Ottubru, 2009, fejn kienet ingħatat interpretazzjoni tal-artikoli ċitati idjaq minn dak illli qiegħed jingħata fil-ġurisprudenza iktar riċenti.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qed jilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill- konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza tiegħu *rationae materiae* sabiex jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża, u dana stante li dan il-każ huwa soġġett għall-arbitraġġ mandatarju fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ. Konsegwentement it-Tribunal qiegħed jiddikjara illi huwa m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* sabiex jiddeċiedi din il-kawża u għaldaqstant qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża.

L-ispejjeż ikunu a karigu tal-Awtorita` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------